MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Numru 30/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NADIA LANZON**

**VS**

**EMMANUEL AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emmaneul Agius ta' 57 sena, bin Philip u l-mejta Nikolina nee' Saliba, imwieled Haz-Zebbug nhar it-22 ta' Dicembru, 1946, residenti fil-fond numru 41, Siggiewi Street, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 1070446 (M);

a) Akkuzat talli nhar l-4 ta' Jannar, 2003 fi Triq l-Avjazzjoni, Gudja ghall-habta ta' t-3.30pm halla lil John Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 110566 (M) isuq mutur bin-nurmu tar-registrazzjoni TIT 100 meta

ghar-rigward tal-imsemmi mutur u fir-rigward tal-imsemmi John Mifsud ma kinitx fis-sehh polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, *ai terminu* tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta’ John Mifsud, u dan bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Fil-kaz in esami, ma hemmx kontestazzjoni ta’ kif sehh l-incident. Li jrid jigi stabbilit hu jekk kienx hemm htija jew neligenza kriminali tal-imputat ghal dak li gara. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat kien missu jivverifika bir-reqqa jekk siehbu John Mifsud kellux licenzja tas-sewqan jew le. Il-presunzjoni o meno ma hix bizzejjed. Madankollu, il-Qorti hi wkoll tal-fehma li kien hemm negligenza kontributorja da parti tal-vittma, u l-incident sehh minhabba l-velocita’ eccesssiva li biha l-istess vittma kien qed isuq il-vettura indikata. Huwa ghalhekk li l-Qorti, ghalkemm qiegheda ssib lill-imputat hati, sejra tirrifiletti din in-negligenza kontributorja fil-piena.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi Emmanuel Agius hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ elfejn liri maltin (Lm2,000.00)
.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------